



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Lulju 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0218(COD)

10746/21
ADD 5

ENER 323
CLIMA 184
CONSOM 159
TRANS 469
AGRI 341
IND 192
ENV 511
COMPET 552
IA 133
CODEC 1074

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 622 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 622 final.

Mehmuż: SWD(2021) 622 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
SWD(2021) 622 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652

{COM(2021) 557 final} - {SEC(2021) 657 final} - {SWD(2021) 620 final} -
{SWD(2021) 621 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv (Massimu ta' 2 paġni)
Valutazzjoni tal-impatt dwar l-emendar tad-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli
A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-oġettiv li fl-2050 tintlaħaq in-newtralità klimatika b'mod li jikkontribwixxi għall-ekonomija, it-tkabbir u l-impjieg Ewropej. Dan l-oġettiv jirrikjedi mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 55 % sal-2030 kif ikkonfermat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2020. Dan min-naħa tiegħu jirrikjedi ishma ferm oġhla ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli f'sistema tal-enerġija integrata. Il-mira attwali tal-UE ta' mill-anqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli sal-2030, stabbilita fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (REDII) mhijiex biżżejjed u jeħtieġ li tiżdied sa 38-40 %, skont il-Pjan dwar il-Mira Klimatika (CTP), flimkien ma' miżuri ta' akkumpanjament ġodda f'setturi differenti f'konformità mal-Istrateġiji għall-Integrazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija, għall-Idroġenu, dwar l-Enerġija Rinnovabbli Offshore u għall-Bijodiversità.
X'għandu jinkiseb?
Użu akbar ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli sal-2030, integrazzjoni aħjar tas-sistema tal-enerġija filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-oġettivi tal-bijodiversità u tal-klima.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Il-kisba ta' ishma akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tal-UE tiddependi fuq il-kontribuzzjonijiet nazzjonali minn kull Stat Membru. Dawn ikunu aktar ambizzjużi u kosteffettivi jekk ikunu xprunati minn qafas legali u ta' politika komuni miftiehem.
B. Soluzzjonijiet
X'inhu l-għażliet differenti biex jinkisbu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?
L-għażliet ewlenin ikkunsidrati huma: (1) mira tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-UE miżjuda għall-2030, fil-medda ta' bejn 38-40 %, b'kontribuzzjonijiet nazzjonali; (2) ġabra estiża ta' miżuri (li tkopri wkoll miżuri ta' abilitazzjoni għat-tisħin u t-tkessiġ distrettwali u l-bini) flimkien ma' obbligu għal żieda annwali ta' 1.1 p.p. fil-livell tal-Istati Membri u żieda indikattiva speċifika għall-Istati Membri; (3) mira ġenerali tat-trasport miżjuda, f'konformità mal-Pjan dwar il-Mira Klimatika, inklużi sottomiri għal bijokarburanti avvanzati u karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; (4) punt ta' riferiment tal-UE fl-industrija u sottomira għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika; (5) promozzjoni tas-sorsi rinnovabbli fl-elettriku permezz ta': (a) il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija, (b) proġetti pilota transfruntiera dwar l-enerġija rinnovabbli, (c) miżuri speċifiċi biex jitrawwem l-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta; (6) miżuri speċifiċi għall-integrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fit-trasport u fit-tisħin u t-tkessiġ; (7) sistema għaċ-ċertifikazzjoni tal-UE u l-promozzjoni ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; (8) tisħin immirat tal-kriterji ta' sostenibbiltà REDII għall-bijomassa.
X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?
Il-maġġoranza (80 %) tat-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa wrew preferenza għal mira akbar tal-RES f'konformità mas-CTP (43 %) jew oġhla (37 %). 61 % kienu favur mira vinkolanti fil-livell tal-UE u nazzjonali. It-trasport u t-tisħin u t-tkessiġ kienu l-aktar żewġ setturi popolari fejn tqiesu li kienu meħtieġa sforzi addizzjonali, bil-maġġoranza jappoġġaw miri miżjuda għaċ-ċertifikazzjoni fl-UE kollha u l-promozzjoni tal-karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Rispons koordinat ta' aktar minn 38 000 parteċipant talab it-tneħħija tal-bijomassa mil-lista ta' riżorsi rinnovabbli u l-limitazzjoni tal-użu għall-bijoenerġija għal skart u residwi disponibbli lokalment, filwaqt li rappreżentanti mit-trade unions, min-negożji u l-maġġoranza tal-awtoritajiet pubbliċi jippreferu li l-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa ma jinbidlux.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
L-għażliet ippreferuti jgħinu b'mod effettiv lill-Istati Membri jżidu l-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE b'55 % sal-2030, filwaqt li jappoġġaw l-oġettivi l-oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-użu miżjud tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli hija kruċjali biex tikkontribwixxi għat-tmexxija teknoloġika u industrijali tal-UE u għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir. Iż-żieda fl-enerġija rinnovabbli tirriżulta wkoll f'sistema tal-enerġija tal-UE aktar sikura u integrata li tkun inqas dipendenti fuq l-importazzjonijiet. Is-soluzzjonijiet rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ u għat-trasport huma l-fattur ewleni biex titjieb il-kwalità tal-arja fil-bliet. Il-kriterji ta' sostenibbiltà msaħħa għall-bijoenerġija se jkollhom impatti pożittivi fuq il-bijodiversità, il-bjar tal-karbonju u l-kwalità tal-arja.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?
Mira klimatika miżjuda għall-2030 se tkun teħtieġ investimenti addizzjonali konsiderevoli. Ix-xenarji kollha għandhom it-tendenza li jikkonverġu fuq ċifri totali simili. L-ispejjeż tal-enerġija bħala sehem mill-konsum tal-unitajiet domestiċi jikbru biss bi ftit fix-xenarji ewlenin meta mqabbla max-xenarju ta' referenza. In-nefqa dejjem tikber (minħabba l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u ż-żieda fil-prezz tal-karbonju) tiġi moderata minn żieda fil-konsum marbuta mat-tkabbir ekonomiku. Bħala medja annwali (2021–2030) u jekk tiġi vvalutata separatament minn politiki oħra tal-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55 %”, in-nefqa tal-investment, minbarra t-trasport, se tkun ogħla minn €13-il biljun u l-kostijiet tas-sistema tal-enerġija, minbarra l-prezz tal-karbonju u d-diżutilitajiet, se jkunu ogħla b'€4 biljun.
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?
Iż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u fit-tkessiħ u fil-binjiet se tirrikjedi xogħlijiet/rinnovazzjoni tal-binjiet, li jwasslu għal żieda fl-impjiegi fis-settur. Sa 95 % tad-ditti tal-konstruzzjoni, tal-arkitettura u tal-inġinerija ċivili huma SMEs, u għalhekk x'aktarx hemm effett ekonomiku pożittiv fuq l-SMEs. Il-gwida u l-appoġġ finanzjarju dwar il-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija se jgħinu lill-SMEs li ma għandhomx ir-riżorsi biex jittrattaw kuntratti kumplessi. Kriterji aktar stretti tal-bijomassa tal-foresti jistgħu joħolqu kostijiet u piżijiet amministrattivi akbar għas-sidien tal-foresti żgħar.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?
F'termini ta' kostijiet amministrattivi, iż-żidiet fil-miri x'aktarx li ma joħolqux impatti sinifikanti, billi s-sistemi ta' monitoraġġ/konformità diġà huma fis-seħħ. Dwar il-bijoenerġija, f'xi Stati Membri, l-awtoritajiet nazzjonali x'aktarx jiffaċċjaw żieda fil-kostijiet amministrattivi assoċjati mal-limitazzjonijiet tal-injam għall-karburant u numru akbar ta' installazzjonijiet koperti minn kriterji ta' sostenibbiltà.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?
Iż-żieda tar-RES fl-UE se tikkontribwixxi għal aktar sigurtà tal-provvista billi tissostitwixxi l-karburanti fossili importati minn pajjiżi terzi u tnaqqas il-volatilità għall-esternalitajiet. Il-kriterji ta' sostenibbiltà msaħħa għall-bijomassa forestali se jkollhom impatti pożittivi fuq il-bijodiversità, jikkontribwixxu għall-bjar tal-karbonju u jnaqqsu t-tniġġis tal-arja.
Proporzjonalità?
Il-pakkett ippreferut ta' għażliet jitqies proporzjonat u sa fejn hu possibbli jibni fuq it-tfassil tal-politika attwali. Il-bilanċ bejn l-obbligi u l-flessibbiltà li titħalla f'idejn l-Istati Membri dwar kif għandhom jilhqqu l-oġettivi huwa meqjus xieraq minħabba l-ħtieġa imperattiva li tinkiseb in-newtralità klimatika.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
Fil-qafas tar-Regolament dwar il-Governanza, l-Istati Membri ppreżentaw il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima, inkluż is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali, fis-setturi tat-tisħin u t-tkessiħ u tat-trasport, kif ukoll informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri tagħhom biex jilhqqu l-miri. L-NECPs aġġornati huma mistennija fl-2024.